# IL-MISSJONI QOPTA TAL-FRANĠISKANI

Ir-Rħieb Franġiskani tal-Art Imqaddsa, dejjem ħabrieka għall-ġid ta' l-erwieħ, riedu jiftħu Missjoni Qopta fl-art tal-Eġittu. Dawn il-Franġiskani ilhom jaħdmu fl-Eġittu mal-erba' mitt sena għall-poplu Qopti, iżda ħtija ta' ħafna tfixkil u persekuzzjonijiet, ix-xogħol tagħhom ftit sata' jseħħ. Il-poplu Qopti huwa Nisrani wkoll, imma Nisrani *monofisita,* u għalhekk mifrud mill-Knisja Kattolka, għax jemmen li f'Sidna Ġesù Kristu tinsab natura waħda, in-natura Divina, u ma jemmenx fil-Purgatorju, anqas fil-Jedd tal-Papa.

Il-Qoptin fl-Eġittu ma humiex aktar minn tliet miljuni, u għandhom bħala rajjes tagħhom Patrijarka. Il-kotra l-kbira tagħhom jinsabu fl-Eġittu ta' Fuq, in-naħa ta' Assjut u Luksor. Il-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa, tliet mitt sena ilu, ħalliet il-Missjoni tal-Eġittu l-Fuqani biex tatha lill-Provinċja Toskana, u żammet il-Missjoni tal-Eġittu t'Isfel. Billi f'din tal-aħħar il-Qoptin kienu ftit li xejn, l-Art Imqaddsa kienet tieħu ħsieb tal-Ewropej biss, imxerrdin fl-ibliet ta' Lixandra, il-Kajr, Port Sajd u s-Swejż, u li kienu jilħqu mal-mitt elf ruħ, bejn Maltin, Taljani, Franċiżi, Ingliżi u ġnus oħra. Sal-lum, il-knisja ta' Santa Katarina f'Lixandra għadha msemmija mill-Għarab: "Keniset is-seba' Milel", li tfisser: *il-knisja tas-seba' ġnus*. Għax snin ilu f'din il-knisja, nhar ta' Ħadd, kienu jsiru seba' priedki b'sebat ilsna magħżula.

Issa l-Ewropej qegħdin isiefru, u mijiet ta' Qoptin jiġu minn flokhom fl-Eġittu l-Fuqani. Għalhekk ir-Rħieb Franġiskani tal-Art Imqaddsa sabu ruħhom fid-dmir li jaħsbu f'dawn l-imsejkna Qoptin, li jinsabu mitluqa għal kollox mill-qassisin tagħhom, u wisq drabi, imkeċċijin saħansitra minn ġewwa l-knejjes tagħhom għax huma fqar u ma għandhomx flus x'jagħtu. U nafu b'ħaqq, minn *statistki ċerti* li kull sena xi elf Qopti jaqalbu Misilmin, biex jiksbu xi għajnuna mill-Gvern Eġizjan. Bi ħsara bħal din quddiemhom, ir-Rħieb Franġiskani ma setgħux jibqgħu jħarsu, u għal hekk ħasbu malajr biex jagħmlu xi ħaġa sewwa. Fi tmien snin (għax daqshekk ilha miftuħa l-Missjoni Qopta), il-Franġiskani fetħu disat idjar tal-Missjunarji: Lixandra, il-Kajr, Mansura, Kafr eż-Żajjât, Abukir, Damjietta, Kafr ed-Dawar, Sidi Bixer, u Gubrijal. F'kull dar minn dawn, hemm skola għat-tfal subjien u bniet, knisja u klinka (jiġifieri, fejn jiddewwa l-mard). F'dawn it-tmien snin il-Kustodja tal-Franġiskani nefqet 'il fuq minn ħamsin elf lira (£50,000) bejn bini ta' skejjel u knejjes, xiri ta' artijiet, u għemara għal klinki u għall-iskejjel.

Biex wieħed ikollu ħjiel ta' dan ix-xogħol għall-ġid tar-ruħ, irrid inġib bħala turija waħda minn dawn id-djar. Nieħdu d-dar ta' Kafar ed-Dawar, għax qegħda f'idejn Patri Franġiskan Malti, Patri Ġużeppi Cremona, O.F.M. dan il-Patri billi hu wild l-Eġittu, jaf bil-Għarbi daqs Għarbi.

Mela fis-sena 1948, dan Patri Cremona kien magħżul biex jiftaħ dik il-Missjoni. Kafr ed-Dawar hija belt ta' xi erbgħin elf ruħ, minnhom xi ħamest elef huma Nsara Qoptin u l-bqija Misilmin. Din il-belt, xi tnax-il sena ilu kienet naqra ta' raħal ta' ebda hemma, imma meta nfetħu l-fabbriki

tal-qoton, faret, għax għadd kbir ta' nies ġew mill-Eġittu ta' Fuq biex isibu x-xogħol, fosthom ħafna Qoptin. Il-Patri Cremona, kera malajr dar ta' sitt kmamar, u minnhom għamel kappella, erba' klassijiet żgħar, ambulatorju ċkejken, u l-aħħar kamra żammha għalih. Il-klassijiet imtlew f'radda ta' salib b'ħafna tfal ta' kull xorta, maħmuġin, imċerċrin, ħafjin, għajnejhom morda. Nhar ta' Ħadd irġiel u nisa jiġu jisimgħu l-quddies, u billi ma jifhmux Latin (li huma jgħidulu



Patri Cremona, O.F.M. li kiteb dil-kitba, jidher fir-ritratt, ma' familja Qopta, ta' Kafra ed-Dawar, fl-Eġittu.

"quddas Franġ", jiġifieri *quddies ta' l-Ewropa*), jibdew igħannu bil-Għarbi b'kemm għandhom saħħa. U billi m'humiex imdorrijin joqgħodu fuq siġġijiet, jinxteħtu kokka fl-art, irġiel fil-lemin u nisa fix-xellug.

Il-Patri mbagħad jeħtieġlu jmur iżur l-Insara, sew fil-belt kemm ukoll fl-irħula tal-qrib tagħha. In-nies hawn huma foqra b'faqar li ma jitwemminx. Familja sħiħa ta' sitta min-nies joqgħodu f'kamra żgħira, jew ġirna, waħda. La għandhom siġġijiet, la mwejjed u anqas sodod. Kull ma għandhom hu naqra ta' mitraħ maħmuġ, li jorqdu fuqu kollha kemm huma. Meta l-Patri jmur iżurhom, jifirħu bih u jixtiequ jagħmlulu minn kollox biex juruh kemm jagħtuh qima. L-ewwel ibusulu jdejh b'ħerqa kbira, imbagħad ifarfru l-mitraħ billi jħabbtuh b'idejhom u jimlew il-ġirna bil-għabra li toħonqok u tagħmik; imbagħad jistednuh joqgħod bil-qegħda fuqu. Iqabbdu malajr nar żgħir tal-ħatab (u hekk idduħħan jiżdied ma' l-għabra), u jagħmlulu t-te, li jkun iswed daqs il-faħam u morr daqs is-semm. Huma mdorrijin jixorbuh hekk, biex jagħtihom dik l-ħarka, biex jistgħu jaħdmu, għax neqsin mill-ikel, u l-Patri, għad li m'hux imdorri, ikollu jixorbu għax inkella jieħdu għalihom u ma jkellmuhx aktar. Jekk joqgħod għandhom imqar kwarta, igħidulu mill-anqas tletin darba: "Kif inta, abuna?" jiġifieri: *"Kif int, Patri?"* u jgħidu

wkoll: "Al-jum żarna l-Messiħ", jiġifieri: *"Il-lum żarna Kristu"*.

Għedt l-ewwel li dawn il-Qopti huma Nsara *monofisti,* imma b'dan kollu ma jifhmu xejn fir-reliġjon. Għalhekk jilqgħu lil kull xorta ta' qassis li jmur iżurhom, sew ikun tagħhom, sew kattoliku, u sew protestant. U dan hu tfixkil kbir biex jikkonvertu.

Il-Qopti Kattoliċi huma xi sittin elf (60,000) u għandhom Patrijarka u sitt Isqfijiet. U dan kollu bis-saħħa tal-Franġiskani. Ara kemm hu hekk, li l-Patrijarka Qoptu Kattoliku f'taħdita li għamel fil-ftuħ ta' l-Istitut Qoptu ta' Lixandra, stqarr ċar: "Jekk aħna l-lum kattoliċi, dan sar bis-saħħa tal-Missjunarji Franġiskani".

Ir-Rhieb Franġiskani f'dawn it-tmien snin għamlu ħafna xogħol u bi ħsiebhom jagħmlu aktar. Huma jistennew u jixtiequ li l-Insara kollha jagħmlu kull ma jistgħu u jitolbu kemm jifilħu għall-konverżjoni tal-Qopti, u t-tama tagħhom hija fil-Madonna. Il-Qoptin huma devoti ħafna ta' Omm Ġesù, Marija, u jagħmlulha festi kbar fix-xahar ta' Diċembru u jitolbuha u jsumu f'ġieħha. Għalhekk għandu jkollna tama kbira li dik l-Omm Ħanina taħseb fihom u bil-għajnuna tagħha jerġgħu jidħlu fil-Merħla ta' Binha Ġesù.

*"MISSJUNARJU"*
(P. Ġużeppi Cremona, O.F.M.)

# ŻEWĠ KELMIET LIŻ-ŻGĦAR

Aqtgħu x'fettilli din id-darba? Fettilli nkellem ftit lilkom, it-tfal, li jiġi f'idejkom dan il-Qari: "Leħen l-Art Imqaddsa".

Tafu liema hi l-Art Imqaddsa l-ewwelnett? L-art Imqaddsa hija l-Palestina. Tafu fejn tiġi l-Palestina? Il-Palestina qegħda fix-Xerq tal-Mediterran (jiġifieri l-baħar li qegħda fih Malta), naqra lejn il-Qibla. Jekk xi ħadd minnkom, xi darba, fil-għodu kmieni jkun fuq il-bejt, u jara x-xemx tielgħa minn fuq il-baħar, meta jħares lejn ix-xemx ikun iħares lejn is-Surija; u jekk idawwar ftit wiċċu lejn Nofs-in-Nhar, ikun iħares lejn il-Palestina.

Għaliex l-Insara jħobbu l-Palestina u jgħidulha l-Art Imqaddsa? Iħobbuha u jgħidulha l-Art Imqaddsa għax ġewwa fiha twieled, għex u miet Sidna Ġesù Kristu, li Hu kollu qdusija, għax Hu l-Iben t'Alla, u li miet imsallab biex jeħles lill-bnedmin mill-agħar ħaġa li kellhom fuqhom: id-dnub.

Imma intom iż-żgħar, biex ingħiduha hekk, għandkom għal fejn tħobbu lil Ġesù aktar minna l-kbar. Għax meta kien fid-dinja wera li kellu għalikom għożża barranija. Araw kif qiegħed ingħid sewwa:—

Mela darba, Ġesù kien għaddej minn raħal, m'hux bogħod wisq min-Nazaret, jismu Ġenijn. Kien qiegħed jistrieħ ftit bil-qegħda għad-dell ta' siġra (kemm hu ħelu dak ir-raħal. Fih ħafna siġar u ilma ġieri; jien naf għax għaddejt minnu); u ġew xi erba' nisa u ġiebu lit-tfal żgħar tagħhom biex Ġesù jqiegħed idejh fuq rashom u jberikhomlhom. L-Appostli, lil dawn it-tfal qabel ma waslu ħdejn Ġesù, għajtu magħhom u keċċewhom. Imma Hu qal lill-Appostli: "Isa, isa, tkeċċuhom xejn! Ħalluhom jiġu għandi, għax għalihom u għal min hu bħalhom Melkut is-sema!" U mhux talli berikhom, talli tellagħhom fuq ħoġru u beda jgħannaqhom u jifraħ bihom.

Issa dan m'hux kollox. Hawn sa ngħidilkom ħaġa li intom ma tafuhiex,